23 ta' April, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Joseph Despott et. *versus* Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne.

**Rekwiżizzjoni — Bini — Garage — Kera — Board tal-Kera — Art. 11 (1) ta' l-(Att II ta' l-1949**

*Il-kumpens li għandu jitħallas dwar ir-rekwiżizzjoni ta' bini għandu jkun fissat fil-każijiet kollha mill-Board tal-Kera, skond il-Housing Act; u dak il-Board għandu ġurisdizzjoni esklużiva għal hekk.*

*Anki l-kumpens ta' garage għandu jiġi fissat mill-Board tal-Kera; għax garage jidħol taħt il-lokuzzjoni ġenerika ta' "bini", avvolja mhux dar tal-abitazzjoni.*

*Għaldaqstant l-azzjoni tas-sid ta' garage rekwiżizzjonat kontra l-awtorità rekwiżizzjonanti għall-ħlas tal-kera dovut għal dak il-garage hija intempestiva, qabel ma dak il-kera jkun ġie fissat mill-Board tal-Kera.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, talbu li l-konvenut, fil-kwalità premessa, jiġi kundannat iħallas lill-instanti l-ammont ta' £60 għal erbgħa snin kera tal-garage nru. 53, Bakery Street, Casal Lia, bil-£15 fis-sena mill-4 ta' Marzu, 1950, sat-3 ta' Marzu, 1954, bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att; garage li ġie rekwiżizzjonat mill-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju, 1950 (dok. A), kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' intempestività opposta mill-konvenut;

Illi l-partijiet jaqblu li l-fond in kwistjoni kien ġie mill-Housing Commissioner rekwiżizzjonat;

Illi skond l-art. 11(1) ta' l-Att numru II ta' l-1949 il-kumpens li għandu jitħallas dwar ir-rekwiżizzjoni ta' bini jkun l-għadd tas-somom flimkien speċifikati fil-klawsoli (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi art. 11; u skond l-art. 12(1) ta' l-istess liġi, il-kumpens taħt il-klawsola (a) fuq riferita, fil-każijiet kollha, ikun fissat mill-Board li Jirregola t-Tiġdid ta' Kiri ta' Bini (Kap. 109), illi għal dan l-iskop għandu jkollu ġurisdizzjoni esklużiva;

Illi, għad li l-fond in kwistjoni hu garage, u mhux dar ta' l-abitazzjoni, hu jaqa' taħt il-lokuzzjoni ġenerika tal-kelma "bini", u għalhekk il-kumpens għandu jiġi fissat mill-Board fuq imsemmi;

Illi ma rriżultax li l-kera ta' £15 fis-sena, mitlub mill-attur, ġie stabbilit mill-Board; anzi mill-kawża fuq riferita, "Trapani ne. vs. Caruana Scicluna" (u mhux dik ċitata bi żball fl-ittra uffiċjali fol. 4), jirriżulta l-kuntrarju;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-intempestività sollevata mill-konvenut;

U konsegwentement tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-atturi.